BirdLife MALTA

for nature and people

Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu, 2020

**Onorevoli Prim Ministru Dr Robert Abela**
**Uffiċċju tal-Prim Ministru**
**Berġa ta' Kastilja**
**Il-Belt Valletta**
**VLT 1061**

*Ittra miftuħa li se tintbagħat lill-midja lokali*

Onorevoli Prim Ministru,

Nibda l-ewwel nett billi f'isem l-uffiċjali tal-Kunsill, l-istaff u l-membri ta' BirdLife Malta nawgura lill-awtoritajiet l-ikbar kuraġġ f'dan iż-żmien diffiċli minħabba l-COVID-19. Nittamaw li noħorġu minn din is-sitwazzjoni mill-aktar fis possibbli.

Qiegħed niktiblek rigward il-kaċċa u l-insib li bħalissa huma illegali, u tkun immorali u ġennata kwalunkwe deċiżjoni li jinfetaħ xi staġun tal-kaċċa f'din ir-rebbiegħa. Mill-aspett ta' konservazzjoni, wieħed ma għandux jippermetti l-qtil ta' għasafar li tilgħin lejn it-Tramuntana sabiex ibejtu. Tajjeb ukoll li nsemmu li waqt staġun miftuħ wieħed ftit jista' jikkontrolla l-illegalitajiet u dan jispiċċa jkun paraventu għal ħafna li jiksru l-liġi u joqtlu għasafar protetti.

Li wieħed jikkunsidra li jiftaħ staġun fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha minħabba l-COVID-19 hija assurdità u irresponsabbiltà. Biss biss din id-deroga titlob li jkun hemm seba' pulizija ma' kull 1,000 kaċċatur, riżors li bħalissa jidher li hu impossibbli speċjalment meta t-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) fi ħdan il-Korp tal-Pulizija qiegħda full-time fuq l-ispezzjonijiet relatati mal-kwarantina.

Kif esprimejna ruħna ċar mal-Gvern diġà, il-Ministru Clint Camilleri ma għandux is-saħħa legali li jattwa xi deċiżjoni fir-rigward tal-liġi jew fi ħdan il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU). Infatti sal-lum ma giex kostitwit mill-ġdid il-Kumitat Ornis minħabba li l-Ministru Camilleri ma għandux dik is-setgħa legali.

Il-liġi titlob li ssir diskussjoni fil-Kumitat Ornis qabel ma l-Ministru tal-Ambjent jieħu deċiżjoni fuq dak li jkun hemm diskuss. Fil-fatt huwa biss il-Ministru Aaron Farrugia li jista' jieħu din id-deċiżjoni. Nittama li l-Ministru Farrugia jgawdi r-rispett sħiħ tiegħek u għaldaqstant ma jintalabx ikun purament timbru u firmatarju għal deċiżjonijiet u xewqat tal-Ministru Camilleri.

Dawn il-punti kollha, flimkien mal-fatt li l-poplu qiegħed jistenna li finalment ikollu gvern li jħares bis-serjetà l-liġijiet kollha ambjentali ta' pajjiżna, għandhom iservu bħala miżien ċar dwar jekk għandux jinfetaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa u nistenna bil-ħerqa risposta dwar dan mingħandek fiż-żmien li ġej.

Tislijiet

**Mark Sultana**
Kap Eżekuttiv

CC: Onorevoli Ministru Aaron Farrugia